MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 712/2011

**MARKET HANDLE LIMITED** (C-49546)

vs

**FAHRENHEIT FREIGHT FORWARDERS Co. LIMITED**
(C – 17421); Elaine Sant Galea u Alfa Company Limited

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-25 ta' Lulju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti (i) ssib li l-kumpannija mħarrka Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited (aktar 'il quddiem imsejħa

"Fahrenheit") u l-imħarrka Elaine Sant Galea, jew min minnhom, jaħtu għall-ħsara li ġarrbet meta, bħala kunsinnatarji fl-atti ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju maħruġ kontra tagħha, naqsu mill-obbligi tagħhom għall-ħarsien u ż-żamma tajba tal-ħwejjeġ maqbuda u elevati bl-imsemmi Mandat; (ii) tillikwida d-danni mġarrba minnha minħabba l-imġiba tal-imsemmija mħarrkin Fahrenheit u Sant Galea; (iii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka Fahrenheit u lill-imħarrka Sant Galea jħallsuha d-danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħaxijiet legali; u (iv) issib lil-kumpannija mħarrka Alfa Company Limited hija responsabbli għad-danni li ġarrbet minħabba l-ħruġ min-naħa tal-istess kumpannija mħarrka tal-Mandat ta'Qbid kawtelatorju numru 1674/2010, jew bil-mod abbużiv, illegali u malizzjuż li bih l-imsemmi Mandat kien eżegwit u kif ukoll minħabba l-fatt li dik il-kumpannija mħarrka Alfa Company Limited qabbdet kunsinnatarji li ma kinux ta' ħila; tillikwida d-danni mġarrbin minnha minħabba f'hekk; u tikkundanna lil Alfa Company Limited tħallasha d-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Awissu, 2011, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat li l-imħarrkin Fahrenheit u Sant Galea laqgħu n-notifika tal-atti u tal-Avviż tas-Smigħ fit-12 ta' Awissu, 2011[1], iżda l-kumpannija mħarrka Alfa Company Limited ma kenitx notifikata;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa f'isem l-imħarrkin (kollha) fit-13 ta' Settembru, 2011, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għat-talbiet attriċi billi ċaħdu li huma b'xi mod jaħtu għall-ħsarat li minnhom tilminta l-kumpannija attriċi, billi huma ma jweġbux għall-għamil ta' terzi mhux magħrufa li żgassaw il-*container* issiġillat b'ordni tal-Qorti fejn kien hemm miżmuma l-ħwejjeġ maqbuda fil-Mandat u għalhekk dak jikkostitwixxi għamil li jmur lil hinn mill-obbligu ta' missier tajjeb tal-familja mistenni mill-kunsinnatarju. Warrbu wkoll il-pretensjonijiet tad-anni tal-

[1] Riferti f'paġġ. 12 *tergo* u 13 tal-proċess

kumpannija attriċi bħala eċċessivi. Filwaqt li l-imħarrka Sant Galea qalet li hija ma kenitx rappreżentanta ta' Fahrenheit iżda "sempliċement tiddeputiżża għal *Managing Director* meta dan ma jkunx preżenti", u għalhekk ma kellha l-ebda ħtija f'dak li ġara;

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija attriċi fil-15 ta' Settembru, 2011[2], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li t-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin titneħħa mill-atti tal-kawża minħabba li tressqet wara ż-żmien mogħti mil-liġi;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Settembru, 2011[3], b'riferenza għall-imsemmi rikors;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka Alfa Company Limited fis-27 ta' Settembru, 2011, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-istess azzjoni saret bi żlejalta' minħabba li l-kumpannija attriċi kienet waslet fi transazzjoni magħha xi ftit taż-żmien qabel u issa, b'din l-azzjoni, riedet terġa' żżeffinha fin-nofs. Ċaħdet li hija b'xi mod responsabbli għal xi danni li l-attriċi tgħid li ġarrbet minħabba l-Mandat maħruġ minnha. Temmet tgħid li l-kumpannija attriċi ma ġarrbet l-ebda dannu;

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija mħarrka Fahrenheit u mill-imħarrka Sant Galea fis-17 ta' Ottubru, 2011[4], li bih talbu lill-Qorti ssib li n-notifika tal-atti tal-kawża u tal-Avviż tas-Smigħ ma saritx sewwa u trid terġa' ssir, liema talba l-istess partijiet irtirawha waqt is-smigħ tal-24 ta' Novembru, 2011[5];

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Novembru, 2011, li bih tat żmien lill-imħarrkin Fahrenheit u Sant Galea jwieġbu għar-rikors tal-kumpannija attriċi tal-15 ta' Settembru, 2011;

---

2 Paġġ. 34 – 5 tal-proċess
3 Paġ. 45 tal-proċess
4 Paġġ. 51 – 2 tal-proċess
5 Paġ. 59 tal-proċess

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imsemmija mħarrkin fit-30 ta' Novembru, 2011[6];

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Novembru, 2011, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment dwar ir-rikors tal-kumpannija attriċi tal-15 ta' Settembru, 2011;

***Ikkunsidrat:***

Illi dan huwa provvediment dwar it-tneħħija mill-atti tal-kawża ta' Tweġiba Maħlufa li tressqet wara li kien għalaq iż-żmien ta' għoxrin (20) jum minn dak inhar li l-parti li ressqitha kienet laqgħet in-notifika tal-atti tal-kawża. Il-kumpannija attriċi tgħid li, minkejja li t-Tweġiba Maħlufa tressqet f'isem l-imħarrkin kollha, fis-sewwa, jmissha titqies li hija t-Tweġiba Maħlufa biss tal-imħarrkin Fahrenheit u Sant Galea, u mhux ukoll tal-imħarrka Alfa Company Limited, li sa dak inhar kienet għadha m'hix notifikata bl-atti tal-kawża. Iżżid tgħid li t-Tweġiba Maħlufa tressqet żmien sewwa wara li messha tressqet u li dan iwassal biex din il-Qorti tilqa' t-talba tagħha għat-tneħħija mill-atti tal-kawża tal-istess Tweġiba Maħlufa;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin Fahrenheit u Sant Galea jwieġbu li, filwaqt li huwa minnu li huma ressqu t-Tweġiba Maħlufa tagħhom wara ż-żmien u li din ma messhiex tressqet f'isem il-kumpannija mħarrka Alfa Company Limited, xorta waħda ma hemmx raġunijiet għaliex din il-Qorti għandha tilqa' t-talba tal-kumpannija attriċi. Huma jgħidu li t-tardivita' tagħhom ma hijiex il-frott ta' kontumaċja kolpuża, għaliex ma kenitx ħtija tagħhom. Ir-raġuni li tingħata fit-tweġiba tagħhom hi l-istat ta' saħħa tal-avukat difensur tagħhom u l-fatt li kellu jkun imsiefer għal ċertu żmien għal aċċertamenti mediċi b'mod li, meta

[6] Paġġ. 60 – 3 tal-proċess

seħħlu jasal lura Malta, kien għalaq iż-żmien mogħti mil-liġi;

Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qieghed jintalab mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja ġeneralment titqies bħala kontestazzjoni[7], u l-bdil li sar fil-liġi proċedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu sanzjoni – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi – bħala element ta' disordni soċjali[8];

Fuq ix-xaqliba l-oħra, u minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, l-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorosita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies ġustifikabbli[9]**;**

Illi jrid jingħad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumaċja ta' persuna mħarrka hija ġustifikabbli u tħalli lil dik il-parti tressaq id-difiża tagħha, ma tkunx b'daqshekk biss titqies li qegħda tikkastiga lill-attur, imma biss treġġa' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-aħjar istruzzjoni tal-ġudizzju. Wara kollox, kull min jiftaħ kawża kontra parti ohra (għalkemm forsi jittama għall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-oħra, malli tirċievi l-atti tal-kawża, sejra tressaq il-kontestazzjoni tagħha;

Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet

---

[7] Ara App. Ċiv: **6.11.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġ. Ġerada vs S. Attard*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.545**)
[8] Ara App. Ċiv.: **21.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.170**)
[9] Ara. P.A. S.P. **4.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Vella pro et noe vs Anthony Ellul***

volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, waħda morali[10];

Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha[11];

Illi dwar x'iwassal li kontumaċja titqies bħala waħda kolpuża, din il-Qorti tagħmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza tagħha tas-**7 ta' Marzu, 1994**[12], fejn inghad li "il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . .Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jirċievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ";

Illi l-Qorti tifhem li l-qagħda ta' persuna kontumaċi hija waħda fejn dik il-parti tkun naqset milli tressaq il-

---

[10] Ara. Per eżempju App. Ċiv: **12.12.1975** fil-kawża fl-imsijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi***; u P.A. G.V. **27.2.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb***.
[11] Ara P.A. **9.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Beacom vs Spiteri Staines*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.195**) u P.A. RCP **5.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Cutajar et vs Mariano Farruġia et***
[12] Fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Delċeppo vs Onor. Raymond Bondin et***

kontestazzjoni tagħha għal kawża li tkun saritilha fiż-żmien li hu stabilit mil-liġi. Tifhem ukoll li r-regola taż-żmien li fih għandha titressaq dik il-kontestazzjoni hija waħda ċara u li t-tneħħija tal-kontumaċja (ukoll f'każijiet fejn ma jkunx hemm traskuraġni) hija eċċezzjoni għal dik ir-regola, li m'għandhiex titħalla li ssir ir-regola minflok ir-regola[13];

Illi min-naħa l-oħra, l-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* jitfa' responsabbilta' mhux żgħira fuq il-ġudikant li jgħarbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi wahda mill-partijiet li tiġi miżmuma milli tressaq il-każ tagħha quddiem it-tribunal li jkun;

Illi, fil-każ partikolari, kif ingħad qabel, ir-raġuni miġjuba 'l quddiem li minħabba fiha t-Tweġiba Maħlufa tressqet wara ż-żmien kienet waħda marbuta ma' ċirkostanzi personali tal-avukat difensur tal-imħarrkin u mhux mal-imġiba jew traskuraġni tagħhom. Għalkemm il-fatti msemmija fit-tweġiba (għar-rikors tal-kumpannija attriċi) m'humiex maħlufa, joħroġ li l-imħarrkin ma tnikkrux biex ikellmu l-avukat meta l-imħarrka Sant Galea laqgħet in-notifika. Fl-istess tweġiba, l-avukat difensur jgħid li kien saħansitra ħejja t-Tweġiba Maħlufa li kellha titressaq minnu bħala mandatarju maħtur ta' l-imħarrka Fahrenheit, imma, minħabba raġunijiet ta' saħħa, laħaq għalaq iż-żmien maħsub fil-liġi. Fl-atti tal-kawża jirriżulta[14] li tassew li, fil-5 ta' Awissu, 2011 (jiġifieri sa minn qabel ma saret in-notifika tal-Atti ta' din il-kawża lil Fahrenheit), l-imsemmi avukat (u avukat ieħor) kien inħatar mandatarju tal-kumpannija biex iressaq f'isimha atti ġudizzjarji;

Illi fil-fehma tal-Qorti, dan juri li l-imħarrkin Fahrenheit u Sant Galea ma kenux traskurati fl-imġiba tagħhom u li dak li ġara jidher li seħħ minkejja fihom. F'dan ir-rigward, il-Qrati tagħna għarfu bejn dawk il-każijiet fejn l-imġiba ta' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mħarrka wasslet biex din taqa' kontumaċi[15] (f'liema każ il-Qorti

---

[13] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co Ltd.***
[14] Paġġ. 22 – 3 tal-proċess
[15] Ara, per eżempju, P.A.RCP **16.3.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Christopher Muscat vs Raymond Buġeja noe***

normalment tippermetti li l-imħarrek jitħalla jikkontesta l-kawża) minn dawk fejn il-parti mħarrka ma tersaqx għand avukat f'waqt xieraq, jew tibqa' tittrattjeni sal-aħħar, jew tonqos li tikkomunika kif imiss ma' avukat b'impenn serju li ma tħallix iż-żmien għat-tressiq tat-Tweġiba Maħlufa jitħalla jgħaddi għal xejn[16];

Illi mbagħad, b'żieda ma' dan, hemm l-aspett taċ-ċirkostanzi mediċi tal-imsemmi avukat li, kif magħruf, x'aktarx dejjem jitqiesu bħala raġunijiet li jiġġustifikaw il-kontumaċja;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, fuq is-saħħa tal-prinċipji hawn fuq imsemmija, ma temminx li għandha tilqa' t-talba tal-kumpannija attriċi biex tordna t-tneħħija tat-Tweġiba Maħlufa tal-imħarrkin Fahrenheit u Sant Galea mill-atti tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, għalhekk, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-episodju presenti billi:

**Tiċħad it-talba** tal-kumpannija attriċi magħmula fir-rikors tagħha tal-15 ta' Settembru, 2011, għat-tneħħija mill-atti tal-kawża tat-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin Fahrenheit u Sant Galea fit-13 ta' Settembru, 2011;

L-ispejjeż ta' dan l-episodju jibqgħu riservati għad-deċiżjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[16] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **4.5.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech et noe vs Merċieca Ċianċio*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.143**)